SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

22 ta’ Ġunju 2017*

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 91/271/KEE — Trattament tal-ilma urban mormi — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Nuqqas ta’ eżekuzzjoni — Artikolu 260(2) TFUE — Sanzjonijiet pekunjarji — Somma f’daqqa u pagamenti ta’ penalità”

Fil-Kawża C-557/14,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu skont l-Artikolu 260(2) TFUE, ippreżentat fl-4 ta’ Diċembru 2014,

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn G. Braga da Cruz u E. Manhaeve, bħala aġenti, b’indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

**Ir-Repubblika Portugiża**, irrappreżentata minn L. Inez Fernandes, J. Reis Silva u J. Brito e Silva, bħala aġenti,

konvenuta,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn L. Bay Larsen (Relatur), President tal-Awla, A. Tizzano, Viċi-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Imħallef tat-Tielet Awla, D. Šváby, J. Malenovský, u M. Vilaras, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-21 ta’ Jannar 2016,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-25 ta’ Frar 2016,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

MT

## Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tikkonstata li, billi ma ħaditx il-miżuri kollha għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292), ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 260(1) TFUE;

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża tħallas lill-Kummissjoni pagamenti ta' penalità ta' EUR 20 196 għal kull jum ta' dewmien fl-eżekuzzjoni tas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292), mill-jum li fih tingħata s-sentenza f'din il-kawża u sal-jum li fih tiġi eżegwita s-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292);

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża tħallas lill-Kummissjoni s-somma f'daqqa ta' EUR 2 244 għal kull jum, mid-data li fiha ngħatat is-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292), sad-data li fiha tingħata s-sentenza f'din il-kawża jew sad-data meta tiġi eżegwita b'mod sħiħ is-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009 (C-530/07, EU:C:2009:292); jekk din l-eżekuzzjoni ssir qabel, u

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

### Il-kuntest ġuridiku

2 Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE, tal-21 ta' Mejju 1991, dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 26) tirrigwarda, skont l-Artikolu 1 tagħha, il-ġbir, it-trattament u l-iskariki tal-ilma urban mormi kif ukoll it-trattment u l-iskariki ta' ilma mormi minn ċertu setturi industrijali. Din għandha l-għan li tipproteġi l-ambjent minn deterjorament dovut għall-iskariki tal-ilma urban mormi.

3 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jiddefinixxi l-"ilma mormi urban" bħala "ilma mormi domestiku jew taħlita ta' ilma mormi domestiku ma' ilma mormi industrijali u/jew ilma tax-xita;" Dan l-istess artikolu jiddefinixxi wkoll l-"agglomerazzjoni" bħala "żona fejn il-popolazzjoni u/jew l-attivitajiet ekonomiċi jkunu konċentrati b'mod suffiċjenti sabiex l-ilma mormi urban ikun jista jinġabar u jittieħed f'impjant ta' trattament ta' l-ilma mormi urban jew għall-punt ta' skarikar finali" u l-"1 e.p. (ekwivalenti ta' popolazzjoni)" bħala "it-toqol organiku biodegradabbli li jkollu domanda għall-ossiġenu bio-kemikali ta' ħamest ijiem (BOD5) ta' 60 g ta' ossiġnu kuljum".

4 L-Artikolu 4 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ilma mormi urban li jidħol f'sistemi ta' ġbir għandu [qabel] ma jkun skarikat ikun suġġett għal trattament sekondarju jew trattament ekwivalenti ieħor kif ġej:

— sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2000 għall-skariki kollha minn agglomerazzjoni ta' aktar minn 15000 e.p.,

[...]

3. Skariki minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban deskritti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jilħqu l-kriterji relevanti ta' l-Anness I. B. [...]

4. It-toqol espress f'termini ta' e.p. għandu jkun ikkalkulat fuq il-bażi tat-toqol massimu medju ta' ġimgħa li jidħol fl-impjant ta' trattament matul is-sena, esklużi biss sitwazzjonijiet mhux tas-soltu bħal dawk li jiġu kkawżati minn xita qalila."

5 Skont l-Artikolu 6(2) u (4) ta' din id-direttiva:

"2. Skariki ta' ilma mormi urban minn agglomerazzjonijiet ta' bejn l-10000 u l-150000 e.p. għall-ilmijiet kostali u dawk minn agglomerazzjonijiet ta' bejn l-2000 u l-10000 e.p. għal ilmijiet estwarji li jinsabu fiż-żoni deskritti fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu soġġetti għal trattament inqas strett minn dak preskritt fl-Artikolu 4 sakemm:

— dawn l-skariki jirċievu minn ta' lanqas trattament primarju kif definit fl-Artikolu 2(7) f'konformità mal-proċeduri ta' kontroll stabbiliti fl-Anness I D,

— studji komprensivi juru li dawk l-skariki ma jaffettwawx lill-Ambjent b'mod negattiv.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni relevanti kollha li tikkonċerna l-istudji hawn fuq msemmija.

[...]

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-identifikazzjoni ta' żoni inqas sensittivi tkun riveduta f' intervalli ta' mhux aktar minn erba' snin."

6 L-Artikolu 8(5) tad-Direttiva 91/271 huwa fformulat kif ġej:

"F'ċirkustanzi eċċezzjonali, meta jista' jintwera li trattament aktar avvanzat ma jkunx se jipproduċi benefiċċji ambjentali, skariki ta' ilma mormi f'żoni inqas sensittivi minn agglomerazzjonijiet ta' aktar minn 150000 e.p. jistgħu ikunu soġġetti għat-trattament li hemm ipprovdut fl-Artikolu 6 għal ilma mormi minn agglomerazzjoni ta' bejn l-10000 u l-150000 e.p.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Istati Membri għandhom jissottomettu minn qabel id-dokumentazzjoni relevanti lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-każ u tieħu l-miżuri xierqa f'konformità mal-proċedura stabbilità fl-Artikolu 18."

7 L-Anness I ta' din id-direttiva, bit-titolu "Rekwiżiti għall-ilma mormi urban" huwa fformulat kif ġej:

" [...]

B. Skarikar minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi għall-ilmijiet li riċeventi [...]
   1. Impjanti tat-trattament ta' l-ilma mormi għandhom ikunu ppjanati u modifikati biex kampjun rappreżentattiv ta' l-ilma mormi li jkun dieħel u l-effluwent ittrattat ikun jista' jinkiseb qabel ma dan jintrema fl-ilmijiet riċeventi.
   2. Skariki minn impjant tat-trattment ta' l-ilma mormi urban soġġetti għat-trattament skond l-Artikoli 4 u 5 għandhom jilħqu l-kondizzjonijiet murija fit-Tabella 1.

[...]"

8 Il-punt D tal-Anness I tad-Direttiva 91/271, bit-titolu "Metodi ta' referenza għal sorveljanza u evalwazzjoni tar-riżultati", jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun applikat Metodu ta' sorveljanza li jkun jikkorrispondi għal ta' lanqas mal-livell tal-kriterji deskritti hawn taħt.

Metodi alternattivi għal dawk imsemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 jistgħu jintużaw, sakemm jintwera li jintlaħqu riżultati ekwivalenti.

[...]

2. Kampjuni ta' ħamla flow-proportional jew dawk ibbażati fuq perjodu ta' 24 siegħa għandhom jinġabru fl-istess post definit tajjeb fl-iżbokk u jekk ikun meħtieġ fid-daħla ta' l-impjant tat-trattament biex tiġi sorveljata l-konformità mal-kriterji ta' l-ilma mormi skarikat hekk kif stabbilit f'din id-Direttiva.

[...]

3. In-numru minimu annwali ta' kampjuni għandu jkun determinat skond il-qies ta' l-impjant tat-trattament u dawn għandhom jinġabru f'intervalli regolari matul is-sena:

— [...]

— 10000 sa 49999 e.p.: 12-il kampjun.

— [...]

4. L-ilma mormi ittrattat għandu jitqies li jikkonforma mal-parametri relevanti jekk, għal kull parametru relevanti kkunsidrat individwalment, il-kampjuni ta' l-ilma juru li dan ikun jikkonforma mal-valuri parametriċi relevanti bil-mod kif ġej:
   a) għall-parametri speċifikati fit-Tabella 1 u l-Artikolu 2(7), in-numru massimu ta' kampjuni li jistgħu ma jissodisfawx il-kriterji, espressi f'termini ta' konċentrazzjonijiet u/jew tnaqqis fil-perċentaġġi fit-Tabella 1 u fl-Artikolu 2(7), huwa speċifikat fit-Tabella 3;

[...]"

## Is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall

9 Fid-9 ta' Lulju 2004, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Portugiża li fiha hija kkonstatat li diversi agglomerazzjonijiet li jinstabu fit-territorju ta' dan l-Istat Membru u li għandhom e.p. ta' iktar minn 15 000 la kienu mgħammra b'sistemi ta' ġbir tal-ilma urban mormi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 91/271 u lanqas ma kienu mgħammra b'sistemi ta' trattament ta' dan l-ilma li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4 ta' din id-direttiva.

10 Peress li kienet tqis li l-ispjegazzjonijiet mogħtija minn dan l-Istat Membru ma kinux sodisfaċenti fir-rigward ta' 17 minn dawn l-agglomerazzjonjiet, il-Kummissjoni, fit-13 ta' Lulju 2005, bagħtet lil dan l-Istat Membru opinjoni motivata fejn stednitu jikkonforma ruħu magħha fi żmien xahrejn minn meta huwa jirċeviha.

11 Ir-Repubblika Portugiża wieġbet għal din l-opinjoni permezz ta' ittra tal-14 ta' Ottubru 2005.

12 Peress li, sussegwentement għal din it-tweġiba, il-Kummissjoni kienet tqis li ċertu agglomerazzjonijiet kellhom jiġu esklużi mill-proċedura li tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, filwaqt li, fir-rigward ta' xi wħud mill-agglomerazzjonijiet l-oħra msemmija fl-anness tal-ittra ta' intimazzjoni tad-9 ta' Lulju 2004, iżda mhux fl-opinjoni motivata tat-13 ta' Lulju 2005, il-ksur tal-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 91/271 kien baqa' jippersisti, hija, fl-14 ta' Lulju 2006, bagħtet opinjoni motivata supplementari li kienet issa tirrigwarda 32 agglomerazzjoni. Permezz ta' din l-opinjoni, hija stiednet lir-Repubblika Portugiża tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tikkonforma ruħha ma' din l-opinjoni fi żmien xahrejn minn meta hija tirċievi din l-opinjoni.

13 Billi kienet tqis li, minkejja l-ispjegazzjonijiet mogħtija minn dan l-Istat Membru f'ittra tal-14 ta' Settembru 2006, is-sitwazzjoni baqgħet insodisfaċenti fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva għal diversi agglomerazzjonijiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta rikors sabiex jiġi kkonstatat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li kien is-suġġett tal-Kawża C-530/07.

14 Matul il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni rrinunzjat għar-rikors tagħha sa fejn dan kien jirrigwarda nuqqas ta' twettiq tal-obbligi li jirriżultaw, minn naħa, mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 91/271 fir-rigward ta' ħamsa minn dawn l-agglomerazzjonijiet u, min-naħa l-oħra, mill-Artikolu 4 ta' din id-direttiva f'dak li jirrigwarda ħdax minn dawn l-agglomerazzjonijiet, u għaldaqstant is-suġġett tar-rikors sabiex jiġi kkonstatat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kien limitat għall-agglomerazzjonijiet li kien fadal.

15 Fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, billi naqset milli tgħammar l-agglomerazzjonijiet ta' Bacia do Rio Uima (Fiães S. Jorge), ta' Costa de Aveiro, ta' Covilhã, ta' Espinho/Feira, ta' Ponta Delgada, ta' Póvoa de Varzim/Vila do Conde kif ukoll ta' Santa Cita b'sistemi ta' ġbir, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 91/271 u billi naqset milli tissuġġetta għal trattament sekondarju jew għal trattament ekwivalenti, skont l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, l-ilma urban mormi provenjenti mill-agglomerazzjonijiet ta' Alverca, ta' Bacia do Rio Uima (Fiães S. Jorge), ta' Carvoeiro, ta' Costa de Aveiro, ta' Costa Oeste, ta' Covilhã, ta' Liżbona, ta' Matosinhos, ta' Milfontes, ta' Nazaré/Famalicão, ta' Ponta Delgada, ta' Póvoa de Varzim/Vila do Conde, ta' Santa Cita, ta' Vila Franca de Xira u ta' Vila Real de Santo António, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 3 u 4 ta' din id-direttiva.

## Il-proċedura prekontenzjuża

16 Fil-kuntest tal-verifika tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292), il-Kummissjoni, permezz ta' ittra tat-18 ta' Ġunju 2009, talbet lir-Repubblika Portugiża informazzjoni dwar il-miżuri meħuda għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza.

17 Permezz ta' ittra tal-24 ta' Lulju 2009, dan l-Istat Membru informa lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li huwa kien adotta.

18 Fil-11 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni talbet lil dan l-Istat Membru xi kjarifiki li fir-rigward tagħhom huwa wieġeb, permezz ta' diversi ittri u informazzjoni supplimentari, li, għal dak li jirrigwarda l-agglomerazzjoni ta' Vila Real de Santo António, l-impjant il-ġdid ta' trattament kien ilu jopera mill-2009, iżda li 30 % mill-fluss li jiniġġes miġbur ma kienx għadu ġie effettivament konness mal-impjant ta' trattament, u li l-ikkompletar tax-xogħlijiet neċessarji kien previst għall-aħħar tal-2012. Fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Matosinhos, l-ikkompletar tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-impjant il-ġdid ta' trattament kien inizjalment previst għall-aħħar tas-sena 2011, iżda t-tmiem tax-xogħlijiet finalment ġie pospost għal April 2013.

19 Ir-Repubblika Portugiża, permezz ta' diversi ittri kif ukoll f'laqgħa mas-servizzi tal-Kummissjoni, informat lil din l-istituzzjoni dwar kif kienet qiegħda tiżviluppa s-sitwazzjoni relatata ma' dawn iż-żewġ agglomerazzjonijiet.

20 Mill-ittra ta' dan l-Istat Membru tas-26 ta' Novembru 2013, dwar l-agglomerazzjoni ta' Vila Real de Santo António, jirriżulta li l-ikkompletar tax-xogħlijiet neċessarji sabiex tiġi żgurata l-konnessjoni tal-fluss kollu li jiniġġes tal-agglomerazzjoni mal-impjant il-ġdid ta' trattament kien previst għall-ewwel trimestru tas-sena 2014. Fir-rgiward tal-agglomerazzjoni ta' Matosinhos, minn din l-ittra

kien jirriżulta li, minħabba nuqqas ta' finanzjament, ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-impjant il-ġdid ta' trattament ma kinux għadhom inbdew, iżda li talba għal finanzjament ġdida kellha titressaq matul is-sena 2014.

21 Peress li l-Kummissjoni kienet tqis li kien hemm nuqqas ta' konformità mas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292) fir-rigward ta' 2 mit-22 agglomerazzjoni li kienu s-suġġett ta' din is-sentenza, jiġifieri l-agglomerazzjonijiet ta' Vila Real de Santo António u ta' Matosinhos, hija ppreżentat dan ir-rikors.

## Fuq in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu

*L-argumenti tal-partijiet*

22 Fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Vila Real de Santo António, il-Kummissjoni tosserva li, minkejja l-isforzi magħmula mir-Repubblika Portugiża mill-għoti tas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292), fid-data ta' riferiment sabiex tiġi evalwata l-eżistenza tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu f'dan il-każ, jiġifieri l-21 ta' April 2014, data li fiha skada t-terminu stabbilit fl-ittra ta' intimazzjoni mibgħuta lir-Repubblika Portugiża mill-Kummissjoni, dan l-Istat Membru kien naqas milli jissuġġetta l-ilma urban mormi provenjenti minn din l-agglomerazzjoni għal trattament sekondarju jew għal trattament ekwivalenti, skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271. Fil-fatt, mill-ittra tar-Repubblika Portugiża tat-23 ta April 2014, jirriżulta li x-xogħlijiet neċessarji għall-konnessjoni integrali ta' din l-agglomerazzjoni mal-impjant ta' trattament kienu għadhom għaddejjin f'din l-aħħar data.

23 Fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Matosinhos, il-Kummissjoni tosserva li l-impjant attwali ta' trattament jippermetti biss trattament primarju tal-ilma mormi tiegħu, skarikat sussegwentement fil-baħar permezz ta' pipeline tal-ilma taħt l-art. F'dan ir-rigward hija tirrileva li, hekk kif jirriżulta mill-ittra tar-Repubblika Portugiża tat-23 ta' April 2014, ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' impjant ta' trattament sekondarju ma kinux għadhom inbdew minħabba allegati problemi ta' finanzjament u l-ikkompletar ta' dawn ix-xoghlijiet kien ġie pospost għall-2017.

24 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li l-argumenti tar-Repubblika Portugiża mressqa fir-risposta tagħha, relatati mal-assenza ta' effett fuq il-kwalità tal-ilma li jirċievi trattament primarju tal-ilma urban mormi u man-natura suffiċjenti ta' tali trattament bil-għan li tiġi ggarantita l-kwalità tal-ilma u li jiġu evitati r-riskji għall-ambjent kif ukoll għas-saħħa tal-bniedem, ma humiex fondati, sa fejn dawn l-argumenti huma fir-realtà intiżi sabiex jikkontestaw dak li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292)

25 Ir-Repubblika Portugiża b'mod ġenerali ssostni li din is-sentenza ġiet fil-biċċa l-kbira tagħha eżegwita.

26 Fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Vila Real de Santo António, ir-Repubblika Portugiża tippreċiża li huma kkonċernati tliet proġetti ta' konnessjoni tas-sistemi ta' dranaġġ. L-ewwel jirrigwarda s-sistema ta' dranaġġ li tinstab fil-punent tal-komun ta' Vila Nova de Cacela u s-sistema ta' trasport lejn l-impjant ta' trattament tal-ilma mormi, li l-konnessjoni tagħhom tlestiet f'Novembru 2014. It-tieni proġett jirrigwarda l-konnessjoni tas-sistemi ta' dranaġġ tax-xtut ta' din l-agglomerazzjoni mas-sistema ta' ġbir u t-trasport tal-effluwent lejn l-impjant ta' trattament tal-ilma mormi li tlestiet fi Frar 2015. It-tielet proġett jirrigwarda l-konnessjoni tas-sistemi ta' dranaġġ taż-żona ċentrali tal-belt ta' din l-agglomerazzjoni mas-sistema ta' ġbir u t-trasport tal-effluwent lejn l-impjant ta' trattament tal-ilma mormi.

27 Fir-risposta tagħha, ir-Repubblika Portugiża kienet sostniet li dan it-tielet proġett kien kważi tlesta. Fir-kontroreplika tiegħu dan l-Istat Membru indika li l-konnessjonijiet tal-effluwent mal-impjant ta' trattament tal-ilma mormi, li ilu jopera mill-2009, tlestew fil-11 ta' April 2015, fatt li bih ġew magħrfa s-servizzi tal-Kummissjoni.

28 Fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Matosinhos, ir-Repubblika Portugiża ssostni, minn naħa, li t-trattament primarju eżistenti huwa suffiċjenti sabiex tiġi ggarantita l-kwalità tal-ilma u sabiex jiġu evitati r-riskji għall-ambjent kif ukoll għas-saħħa tal-bniedem, peress li l-assenza ta' trattament sekondarju ma għandhiex effett fuq il-kwalità tal-ilmijiet li ser jirċievu. Fil-fatt, l-effluwent tal-ilma mormi ttrattat f'din l-agglomerazzjoni ma huwiex skarikat fl-ilma tal-għadajjar jew tax-xmajjar, iżda fl-ilma baħar b'kontenut għoli ta' melħ, aġitat ħafna u li minnu jgħaddi ħafna kurrent.

29 F'dan ir-rigward, dan l-Istat Membru jsostni li s-sitwazzjoni fl-agglomerazzjoni ta' Matosinhos taqa' taħt l-Artikolu 8(5) tad-Direttiva 91/271. Issa, skont dan l-artikolu, f'ċirkustanzi eċċezzjonali u fl-agglomerazzjonijiet kostali meqjusa bħala inqas sensittivi, l-iskariki ta' ilma urban mormi jistgħu jkunu s-suġġett ta' trattament inqas strett.

30 Ir-Repubblika Portugiża ssostni li, permezz tat-trattament primarju eżistenti, l-ilma mormi kiseb tnaqqis medju fid-domanda għall-ossiġenu kimiku u bijokimiku ta' 42 % u 43 %, jiġifieri valur ta' iktar mid-doppju mir-rata medja ta' 20 % prevista minn din id-direttiva.

31 F'dan ir-rigward dan l-Istat Membru jsostni li l-impjant ta' trattament tal-ilma mormi attwalment operat huwa konness ma' pipeline tal-ilma taħt l-art li jwassal l-ilma li jirċievi trattament primarju lejn l-oċean Atlantiku, madwar 2 kilometri mill-kosta u għaldaqstant il-kwalità ta' dawn l-ilmijiet kostali ma hijiex affettwata. Għadhom iridu jsiru biss xi aġġustamenti li jirrigwardaw biss l-installazzjoni ta' infrastrutturi, b'mod li tiġi ggarantita kwalità kostanti ta' dawn l-ilmijiet.

32 Ir-Repubblika Portugiża tirreferi wkoll għall-analiżijiet tal-ilma għall-għawm imwettqa regolarment fit-territorju ta' din l-agglomerazzjoni u li jikkonfermaw il-kwalità "eċċellenti" tiegħu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemm ebda raġuni li jitqies li jeżisti perikolu għas-saħħa tar-residenti jew għas-settur tat-turiżmu.

33 Min-naħa l-oħra, dan l-Istat Membru jsostni li għalkemm ittieħdu miżuri bil-għan li jikkonforma ruħu mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271, diffikultajiet ta' finanzjament impedixxew il-bini tal-impjant ta' trattament. Barra minn hekk, saru diversi sejħiet għal offerti matul is-snin 2008 u 2011, iżda ċirkustanzi li jikkostitwixxu każ ta' forza maġġuri kienu impedixxew li jitkompla l-proġett ta' bini ta' dan l-impjant.

34 Ir-Repubblika Portugiża żżid li, f'kull każ, il-kundizzjonijiet relatati mal-bini tal-impjant ta' trattament tal-ilma mormi li jippermetti trattament sekondarju ta' dan l-ilma sadanittant ġew issodisfatti u li l-finanzjament neċessarju għal dan il-għan ġie żblukkat, fatt li l-Kummissjoni ġiet informata bih. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Portugiża kienet ippreżentat lil din l-istituzzjoni skeda ta' żmien għall-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni li kellhom jibdew fl-ewwel nofs tas-sena 2016, filwaqt li l-impjant huwa previst li jibda jopera għalkollox fit-tieni nofs tas-sena 2019.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

35 Sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-Repubblika Portugiża adottatx il-miżuri kollha neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009 Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292), huwa neċessarju li jiġi vverifikat jekk din tal-aħħar osservatx b'mod sħiħ l-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271, b'mod iktar partikolari billi għammret l-agglomerazzjonijiet kkonċernati b'sistema ta' trattament tal-ilma urban mormi li tissodisfa rrekwiżiti ta' dan l-artikolu.

36 Fir-rigward tal-proċedura għal nuqqas ta' twetttiq ta' obbligu skont l-Artikolu 260(2) TFUE, hemm lok li d-data li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni bħala data ta' riferiment għall-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' tali nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tkun dik tal-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-ittra ta' intimazzjoni mibgħuta skont din id-dispożizzjoni (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-167/14, EU:C:2015:684, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 F'dan il-każ, hekk kif tfakkar fil-punt 22 ta' din is-sentenza, peress li l-Kummissjoni bagħtet lir-Repubblika Portugiża ittra ta' intimazzjoni, skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 260(2) TFUE, id-data ta' riferiment imsemmija fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza hija dik tal-iskadenza tat-terminu stabbilit f'din l-ittra, jiġifieri l-21 ta' April 2014.

38 Issa, huwa paċifiku li, f'din id-data, l-agglomerazzjonjiet ta' Vila Real de Santo António u ta' Matosinhos kienu għadhom ma ġewx mgħammra, skont l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, b'sistema ta' trattament tal-ilma urban mormi.

39 Fil-fatt, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Vila Real de Santo António, mid-dikjarazzjonijiet tar-Repubblika Portugiża jirriżulta li, fil-21 ta' April 2014, kien għad ma hemmx sistema ta' trattament tal-ilma urban mormi. Fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Matosinhos, ir-Repubblika Portugiża informat lill-Kummissjoni, permezz ta' ittra tat-23 ta' April 2014, li x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-impjant ta' trattament tal-ilma mormi li jippermetti trattament sekondarju ta' dan l-ilma kienu għadhom ma nbdewx.

40 L-argumenti tar-Repubblika Portugiża, dwar din l-aħħar agglomerazzjoni, relatati mal-assenza ta' effett fuq il-kwalità tal-ilma li jirċievi trattament unikament primarju tal-ilma urban mormi u man-natura suffiċjenti ta' tali trattament bil-għan li tiġi ggarantita l-kwalità ta' dan l-ilma u li jiġu evitati r-riskji għall-ambjent kif ukoll għas-saħħa tal-bniedem fir-realtà huma intiżi sabiex jikkontestaw dak li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fi tmiem is-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292), u għaldaqstant ma jistgħux jiġu milqugħa.

41 Fir-rigward tal-argumenti tar-Repubblika Portugiża bbażati fuq id-diffikultajiet li dan l-Istat Membru kien iltaqa' magħhom sabiex jikkonforma ruħu mas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292), għandu jitfakkar li Stat Membru ma jistax jinvoka dispożizzjonijiet, prattiċi jew sitwazzjonijiet tal-ordinament ġuridiku nazzjonali tiegħu sabiex jiġġustifika n-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni u għaldaqstant tali argumenti ma jistgħux jiġu milqugħa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, EU:C:2015:684, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li, billi ma ħaditx il-miżuri kollha neċessarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292), ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 260(1) TFUE.

## Fuq is-sanzjonijiet pekunjarji

### *Fuq il-pagamenti ta' penalità*

#### L-argumenti tal-partijiet

43 Fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Vila Real de Santo António, il-Kummissjoni sostniet, waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-Repubblika Portugiża li dan l-Istat Membru ħa l-miżuri kollha neċessarji għall-eżekuzzjoni sħiħa tas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292), il-konformità tal-funzjonament tal-impjant

ta' trattament f'din l-agglomerazzjoni mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271 tista' tiġi żgurata biss meta analiżijiet konformi tal-ilma mormi, abbażi ta' kampjuni meħuda qabel l-iskariku tiegħu, jitwettqu fuq perijodu ta' sena u juru, wara din id-data, li t-trattament sekondarju ta' dan l-ilma huwa konformi mar-rekwiżiti ta' din id-direttiva. Skont il-Kummissjoni, dan l-iskariku għandu jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt B tal-Anness I ta' din id-direttiva. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li l-metodi ta' riferiment sabiex jiġu żgurati l-kontroll u l-evalwazzjoni tar-riżultati, kif previsti fil-punt D ta' dan l-istess anness, li jistabbilixxi n-numru minimu ta' kampjuni annwali li għandhom jittieħdu sabiex jitqiesu bħala rappreżentattivi skont id-daqs tal-impjant ta' trattament, għandhom jiġu osservati.

44 Issa, f'dan il-każ, tali miżuri huma nieqsa.

45 Il-Kummissjoni tipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 260(2) TFUE, u abbażi tal-komunikazzjoni tagħha tat-13 ta' Diċembru 2005 bit-titolu "Implementazzjoni tal-Artikolu 260 [TFUE]" SEC(2005) 1658], kif aġġornata permezz tal-komunikazzjoni tagħha tas-17 ta' Settembru 2014, bit-titolu "Aġġornament tad-data użata għall-kalkolu tas-sommom f'daqqa u tal-pagamenti ta' penalità li l-Kummissjoni tipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' proċeduri ta' ksur" [C(2014) 6767 finali] (iktar 'il quddiem il-"komunikazzjoni tal-2005"), tissanzjona l-assenza ta' eżekuzzjoni inkwistjoni, b'mod partikolari, permezz ta' kundanna għall-ħlas ta' pagamenti ta' penalità.

46 Skont il-punt 6 tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2005, din l-istituzzjoni tibbaża ruħha fuq tliet kriterji sabiex tiddetermina l-ammont tal-pagamenti ta' penalità, jiġifieri l-gravità tal-ksur, it-tul tiegħu u l-ħtieġa li jiġi żgurat l-effett dissważiv tas-sanzjoni nnifisha.

47 Fir-rigward tal-gravità tal-ksur ikkonstatat, il-Kummissjoni tenfasizza, l-ewwel nett, l-importanza tar-regoli tal-Unjoni li huma s-suġġett tal-ksur kif ukoll, it-tieni nett, il-konsegwenzi tiegħu fuq l-interessi ġenerali u partikolari, bħal, b'mod partikolari, il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, iż-żamma u t-titjib tal-kwalità tal-ilma li jirċievi u tal-ekosistemi akwatiċi assoċjati miegħu, jew il-prattika ta' attivitajiet ta' rilassament relatati ma' dawn l-ekosistemi. It-tielet nett, il-Kummissjoni, filwaqt li tikkonstata l-eżistenza ta' ċirkustanzi attenwanti relatati mal-progress magħmul minn dan l-Isat Membru, tindika, barra minn hekk, ċirkustanzi aggravanti li jirriżultaw mill-assenza ta' konformità kemm mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271, fit-tmiem tat-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata, kif ukoll mas-sentneza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292), miċ-ċarezza tad-dispożizzjonijiet miksura, min-nuqqas ta' osservanza tal-iskedi ta' żmien suċċessivi ppreżentati mill-awtoritajiet Portugiżi fil-korrispondenza indirizzata lill-Kummissjoni u, fl-aħħar nett, mill-aġir ripetut li jikkostitwixxi ksur ta' dan l-Istat Membru fil-qasam tal-osservanza tad-dritt tal-Unjoni f'settur li fih l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent huma partikolarment sinjifikattivi.

48 Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, il-Kummissjoni tqis li hemm lok li jiġi applikat koeffiċjent ta' gravità ta' 3 fuq l-iskala ta' 1 sa 20 stabbilita fil-komunikazzjoni tal-2005.

49 Fir-rigward tat-tul tal-ksur, il-Kummissjoni ssostni li d-deċiżjoni li jinbdew dawn il-proċeduri ttieħdet fis-16 ta' Ottubru 2014, jiġifieri 65 xahar wara li ngħatat is-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292), jiġifieri s-7 ta' Mejju 2009, fatt li jiġġustifika l-applikazzjoni tal-koeffiċjent massimu ta' 3.

50 Fir-rigward tal-koeffiċjent relatat mal-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru li kontrieh tressqu l-proċeduri, imsejjaħ fattur "n", din l-istituzzjoni tfakkar li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2005 tistabbilixxih għal 3.40 għar-Repubblika Portugiża.

51 Il-Kummissjoni tirrileva li, skont il-formola ċċitata f'din il-komunikazzjoni, il-pagamenti ta' penalità ta' kuljum huma ugwali għall-ammont bażiku uniformi, ta' EUR 660, immultiplikat bil-koeffiċjent ta' gravità, bil-koeffiċjent ta' tul u bil-fattur "n". Għaldaqstant, f'dan il-każ, il-Kummissjoni tipproponi pagamenti ta' penalità ta' kuljum ta' EUR 20 196. 00 euros (EUR 660 x 3 x 3 x 3.40).

52 Din l-istituzzjoni tipproponi li jiġu applikati pagamenti ta' penalità ta' kuljum li jonqsu, li l-ammont effettiv tagħhom ikun ikkalkolat kull sitt xhur, billi jitnaqqas l-ammont totali relatat ma' kull wieħed minn dawn il-perijodi b'perċentwali li jikkorrispondi għall-proporzjon tal-e.p. tal-agglomerazzjonijiet li kkonformaw l-impjanti tagħhom mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271 meta mqabbel mal-e.p. tal-agglomerazzjonijiet li ma jkollhomx tali sistemi fil-jum li fih tingħata din is-sentenza.

53 Skont id-data li l-Kummissjoni kellha qabel il-preżentata ta' dan ir-rikors, l-e.p. totalizzata mill-agglomerazzjonijiet li ma għandhomx sistemi ta' trattament skont l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva tammonta għal 321 950. Dan it-total jinqasam bejn iż-żewġ agglomerazzjonijiet ikkonċernati: 34 950 għal dik ta' Vila Real de Santo António u 287 000 għal dik ta' Matosinhos.

54 Ir-Repubblika Portugiża ssostni li la l-gravità tal-ksur, la t-tul tiegħu, la l-kooperazzjoni u d-diliġenza li hija wriet matul il-proċeduri, la l-progress magħmul fl-eżekuzzjoni tas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009 Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292) ma jiġġustifikaw l-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità ta' tali ammont. Għaldaqstant, dan l-Istat Membru jikkontesta l-metodu ta' kalkolu tal-ammonti proposti. Ir-Repubblika Portugiża tqis li l-pagamenti ta' penalità mitluba mill-Kummissjoni huma eċċessivament għoljin u sproporzjonati meta mqabbla mal-gravità tal-ksur, li l-konsegwenzi tiegħu fuq l-ambjent huma ipotetiċi. Dan l-Istat Membru jikkonfuta l-affermazzjonijiet tal-Kummissjoni relatati mal-gravità tal-ksur. Fil-fatt, hekk kif ġie indikat fil-punt 27 ta' din is-sentenza, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Vila Real de Santo António, ir-Repubblika Portugiża ssostni li l-konnessjonijiet tal-effluwent mal-impjant ta' trattament tal-ilma mormi, li ilu jopera mill-2009, tlestew fil-11 ta' April 2015, fatt li bih ġew magħrfa s-servizzi tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, in-nuqqas allegat ta' twettiq ta' obbligu ma għadux jeżisti fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Vila Real de Santo António, peress li s-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292) ġiet, f'dan ir-rigward, eżegwita b'mod sħiħ.

55 Fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Matosinhos, huwa neċessarju, skont dan l-Istat Membru, u sa fejn in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu allegat huwa limitat għat-twettiq tax-xogħlijiet neċessarji għat-tkabbir tal-impjant ta' trattament tal-ilma mormi bil-għan ta' trattament sekondarju, li jittieħed inkunsiderazzjoni, matul il-perijodu kkunsidrat, miżjud b'sena, il-progress ta' dawn ix-xogħlijiet sabiex jiġi vverifikat il-funzjonament ta' dan l-impjant fir-rigward tar-rekwiżiti tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271. Għaldaqstant, it-tul neċessarju għat-twettiq tax-xogħlijiet huwa ta' erba' snin, jiġifieri perijodu ta' tliet snin miżjud b'terminu ta' sena relatat mas-seħħ eventwali ta' avvenimenti imprevedibbli. Il-perijodu totali ta' erba' snin jista' jinqasam fi tmien fażijiet, li kull waħda minnhom tkun suġġetta għal kontroll intiż sabiex jiġi vverifikat il-progress tax-xogħlijiet ta' dan l-impjant bil-għan li dan jibda jopera.

56 Sa fejn, l-ewwel nett, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Vila Real de Santo António, l-għanijiet ta' konnessjoni mal-impjant ta' trattament sekondarju sadanittant intlaħqu b'mod sħiħ, it-tieni nett, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Matosinhos, ittieħdu l-azzjonijiet neċessarji għaż-żamma ta' livell eċċellenti ta' kwalità tal-ilmijiet kostali u dawn qed ikomplu jiġu żviluppati, u, it-tielet nett, mit-22 agglomerazzjoni msemmija fis-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292), 21 agglomerazzjoni huma konformi, il-koeffiċjent applikat ma għandux ikun ta' iktar minn 1 fuq l-iskala ta' 1 sa 20 stabbilita fil-komunikazzjoni tal-2005.

57 Ir-Repubblika Portugiża barra minn hekk tinsisti fuq l-isforzi li hija għamlet sabiex teżegwixxi b'mod sħiħ l-obbligi li jirriżultaw mis-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292) u barra minn hekk tenfasizza l-kooperazzjoni permanenti li l-awtoritajiet Portugiżi żammew mas-servizzi tal-Kummissjoni.

58 Barra minn hekk hemm lok li jittieħed inkunsiderazzjoni l-livell ta' eżekuzzjoni ta' din is-sentenza diġà milħuq. Anki jekk jittieħed inkunsiderazzjoni ż-żmien li għadda minn meta ngħatat din is-sentenza, il-kriterju relatat mat-tul tal-ksur ma jkunx rilevanti fir-rigward ta' 90 % tal-agglomerazzjonijiet imsemmija fis-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07,

EU:C:2009:292). Għaldaqstant, ikun leġittimu li din is-sitwazzjoni, fid-dawl tal-parti tax-xogħol li baqa' jsir bil-għan ta' konformità ma' din is-sentenza, tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kunsiderazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod li din il-kunsiderazzjoni ma tmurx lil hinn minn 10 % tal-koeffiċjent 3 li l-Kummissjoni qiegħda titlob li jiġi applikat, b'mod li l-valur ikkunsidrat ta' dan il-kriterju ma jkunx ta' iktar minn 1.

59 Barra minn hekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, dawn il-pagamenti ta' penalità huma wkoll sproporzjonati fid-dawl tal-kapaċità kontributtiva tar-Repubblika Portugiża. Barra minn hekk, il-fattur "n" li jirrigwardaha huwa diskutibbli, fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika tranżitorja prevalenti f'dan l-Istat Membru li tirriżulta mill-kriżi finanzjarja tal-Istati taż-żona Euro, peress li t-twettiq ta' xogħlijiet pubbliċi jeħtieġ investimenti pubbliċi kbar. Għaldaqstant, ir-Repubblika Portugiża tħalli f'idejn il-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa eventwalment mill-ġdid dan il-koeffiċjent, filwaqt li tqis li, peress li iktar minn 90 % tas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292) ġiet eżegwita, din il-qorti għandha tnaqqas provviżorjament dan il-koeffiċjent.

60 Għaldaqstant, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tilqa' t-talba ta' dan l-Istat Membru li tikkunsidera l-koeffiċjenti ta' gravità u ta' tul kif ukoll il-fattur "n" relatat mal-kapaċità ta' ħlas tagħha, il-pagamenti ta' penalità għandhom jiġu kkalkolati skont il-formola sussegwenti: EUR 660 x 1 x 1 x 3.40 = 2 244 diviż b'287 000 e.p. jiġifieri EUR 0.007/jum għal unità ta' e.p.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

61 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità, bħala prinċipju, hija ġġustifikata biss sakemm jippersisti n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu bbażat fuq in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza preċedenti sal-eżami tal-fatti mill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja C-167/14, EU:C:2015:684, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 Fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Vila Real de Santo António, għandu jiġi rrilevat li, hekk kif tfakkar fil-punti 27 u 54 ta' din is-sentenza, ir-Repubblika Portugiża indikat, waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li x-xogħlijiet neċessarji relatati mal-impjant ta' trattament tlestew fil-11 ta' April 2015 u li ntbagħtu lill-Kummissjoni diversi kampjuni li juru l-effikaċità tat-trattament sekondarju tal-ilma urban mormi, għall-perijodu ta' bejn April u Novembru 2015, li jinkludi l-perijodu turistiku, ikkaratterizzat minn tniġġis qawwi ta' dan l-ilma. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma tikkontestax l-affermazzjoni ta' dan l-Istat Membru, b'mod partikolari fir-rigward tal-konformità tal-kampjuni hekk ippreżentati mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271.

63 F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Vila Real de Santo António, ir-Repubblika Portugiża pproduċiet il-prova li hija kienet ħadet kampjuni f'intervalli regolari minn April 2015, u li, għaldaqstant, l-iskariki li joriġinaw mill-impjant ta' trattament tal-ilma mormi urban jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(3) ta' din id-direttiva, b'mod li, fir-rigward ta' din l-agglomerazzjoni, ma hemmx lok li dan l-Istat Membru jiġi kkundannat iħallas pagamenti ta' penalità intiżi sabiex tiġi żgurata konformità mas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292).

64 Fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Matosinhos, mid-dikjarazzjonijiet tar-Repubblika Portugiża jirriżulta li s-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292) ma kinitx ġiet eżegwita b'mod sħiħ fid-data tas-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

65 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-kundanna tar-Repubblika Protugiża għall-ħlas ta' pagamenti ta' penalità hija mezz finanzjarju xieraq sabiex tinkoraġġixxi lil din tal-aħħar tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex ittemm in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat u sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni sħiħa tas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292).

66 Madankollu, ma jistax jiġi *a priori* eskluż li, fil-jum tal-għoti ta' din is-sentenza, is-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292), tkun ġiet eżegwita b'mod sħiħ. Għaldaqstant, il-pagamenti ta' penalità għandhom jiġu imposti biss fil-każ li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jippersisti fid-data ta' dan l-għoti (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-167/14, EU:C:2015:684, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

67 Mill-ġursiprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-pagamenti ta' penalità għandhom ikunu deċiżi skont il-grad ta' persważjoni neċessarju sabiex l-Istat Membru li jonqos milli jeżegwixxi sentenza għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jbiddel l-aġir tiegħu u jtemm il-ksur li bih huwa akkużat (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-167/14, EU:C:2015:684, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

68 Fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha f'dan il-qasam, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tistabbilixxi l-pagamenti ta' penalità, b'tali mod li dawn ikunu, minn naħa, adattati għaċ-ċirkustanzi u, min-naħa l-oħra, proporzjonati man-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat u mal-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru kkonċernat (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C 167/14, EU:C:2015:684, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 Il-proposti tal-Kummissjoni dwar il-pagamenti ta' penalità ma jistgħux jorbtu lill-Qorti tal-Ġustizzja u huma biss punt ta' riferiment utli. Bl-istess mod, linji gwida bħal dawk inklużi fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja, iżda jikkontribwixxu sabiex tiġi ggarantita t-trasparenza, il-prevedibbiltà u ċ-ċertezza legali tal-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni nnfisha meta din l-istituzzjoni tagħmel proposti lill-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, fil-kuntest ta' proċedura bbażata fuq l-Artikolu 260(2) TFUE, dwar nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ta' Stat Membru li jippersisti minkejja l-fatt li dan in-nuqqas stess ta' twettiq ta' obbligu diġà ġie kkonstatat fl-ewwel sentenza mogħtija skont l-Artikolu 226 KE jew l-Artikolu 258 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun libera li tistabbilixxi l-pagamenti ta' penalità fl-ammont u fil-forma li hija tqis adatti sabiex tinċita lil dan l-Istat Membru jtemm in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi li jirriżultaw minn din l-ewwel sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-167/14, EU:C:2015:684, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

70 Għall-finijiet tal-istabbiliment tal-ammont tal-pagamenti ta' penalità, il-kriterji bażiċi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi żgurata n-natura koerċittiva ta' dawn tal-aħħar, fid-dawl ta' applikazzjoni uniformi u effettiva tad-dritt tal-Unjoni, huma, fil-prinċipju, il-gravità tal-ksur, it-tul tiegħu u l-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru inkwistjoni. Għall-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, hemm lok li jiġu kkunsidrati, b'mod partikolari, il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni fuq l-interessi privati u pubbliċi, kif ukoll l-urġenza li teżisti li l-Istat Membru kkonċernat jikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-167/14, EU:C:2015:684, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

71 L-ewwel nett, fir-rigward tal-gravità tal-ksur, hemm lok li jitfakkar li d-Direttiva 91/271 hija intiża sabiex tipproteġi l-ambjent. L-assenza jew l-insuffiċjenza b'mod partikolari ta' sistemi ta' trattament tal-ilma urban mormi jistgħu jikkawżaw ħsara lill-ambjent u għandhom jitqiesu li huma partikolarment serji (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-167/14, EU:C:2015:684, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

72 Barra minn hekk, għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis fid-domanda għall-ossiġenu bijokimiku u kimiku, invokat mir-Repubblika tal-Portugall, hemm lok li jiġi rrilevat, hekk kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 63 tal-konklużjonijiet tagħha, li l-valuri indikattivi ta' din id-direttiva għadhom ma ntlaħqux sal-lum minn dan l-Istat Membru, peress li din id-direttiva tistabbilixxi, għat-trattament sekondarju, tnaqqis fid-domanda għall-ossiġenu kimiku b'mill-inqas 75 % u fid-domanda għall-ossiġenu bijokimiku b'70 sa 90 %, filwaqt li dan l-Istat Membru jindika tnaqqis fid-domanda għall-ossiġenu kimiku ta' 20 % biss.

73 Barra minn hekk, għalkemm mid-data pprovduta mir-Repubblika Portugiża jirriżulta li l-kwalità tal-ilma għall-għawn hija kklassifikata bħal "eċċellenti" fil-parti l-kbira tal-bajjiet tal-agglomerazzjoni ta' Matosinhos, xorta jibqa' l-fatt li l-kwalità ta' dan l-ilma, b'mod patikolari fil-bajja, minn naħa, ta' "Azul-Conchina", li fiha, skont id-data mhux ikkontestata mill-Kummissjoni, l-ilma urban mormi li rċieva trattament primarju huwa skarikat, u, min-naħa l-oħra, ta' "Matosinhos", l-iktar viċina għaż-żona urbana ta' din l-agglomerazzjoni, ġiet rispettivament meqjusa bħala "suffiċjenti" u "tajba". Hekk kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 63 tal-konklużjonijiet tagħha, minn dan jirriżulta li t-trattament insuffiċjenti tal-ilma urban mormi taffettwa l-kwalità ta' dan l-ilma.

74 Barra minn hekk hemm lok li jitqies bħala aggravanti l-fatt li l-eżekuzzjoni sħiħa tas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07 EU:C:2009:292) ser isseħħ biss, skont l-indikazzjonijiet tar-Repubblika Portugiża, matul is-sena 2019, fatt li huwa ekwivalenti għal dewmien ta' kważi għoxrin sena, sa fejn l-obbligu li tiġi żgurata l-konformità tat-trattament sekondarju tal-ilma urban mormi tal-agglomerazzjoni ta' Matosinhos kellu jitwettaq sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2000. Issa, peress li r-Repubblika Portugiża tiddikjara li ma hijiex f'pożizzjoni li tikkonforma ruħha mal-obbligi tagħha kollha li jirriżultaw minn din id-direttiva qabel kważi 20 sena minn din l-aħħar data, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tikkonstata biss in-natura partikolarment twila ta' ksur li, fid-dawl tal-għan imsemmi qabel, huwa ċertament serju (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-374/11, EU:C:2012:827, punt 38).

75 Madankollu, għandu jiftakkar ukoll li, hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-punt 57 tas-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-167/14, EU:C:2015:684), ir-rilevanza tal-ħsara għall-ambjent tiddependi, fil-biċċa l-kbira, minn numru ta' agglomerazzjonijiet kkonċernati min-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu allegat. F'dan il-każ hemm lok li jiġi rrilevat li, in-numru ta' agglomerazzjonijiet li fir-rigward tagħhom ir-Repubblika Portugiża ma pproduċietx, fid-data tas-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-prova tal-eżistenza ta' sistemi ta' trattament tal-ilma urban mormi konformi ma' din id-direttiva, jiġifieri agglomerazzjoni waħda biss, huwa nettament inqas minn numru tal-agglomerazzjonijiet li ma għandhomx impjanti konformi, imsemmija fis-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07 EU:C:2009:292), jiġifieri ħmistax-il agglomerazzjoni. Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li din il-ħsara hija inqas rilevanti minn dik li tirriżulta minn nuqqas inizjali ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat f'din is-sentenza. Ir-Repubblika Portugiża għaldaqstant naqset kunsiderevolment il-ħsara addizzjonali għall-ambjent li tirriżulta mill-ksur ikkonstatat mis-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07 EU:C:2009:292).

76 It-tieni nett, fir-rigward tat-tul tal-ksur, dan għandu jiġi evalwat billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-mument li fih il-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa l-fatti u mhux dak li fih din tal-aħħar hija adita mill-Kummissjoni. Issa, f'dan il-każ, it-tul tal-ksur, jiġifieri iktar minn seba' snin mid-data li fiha ngħatat is-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07 EU:C:2009:292), huwa kunsiderevoli.

77 Fil-fatt, għalkemm l-Artikolu 260(1) TFUE ma jippreċiżax it-terminu għall-eżekuzzjoni ta' sentenza, l-interess relatat ma' applikazzjoni immedjata u uniformi tad-dritt tal-Unjoni jeżiġi, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, li din l-eżekuzzjoni tinbeda immedjatament u titlesta kemm jista' jkun malajr (ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-367/14, EU:C:2015:611, punt 95 u l-ġurisprudenza ċċitata).

78 It-tielet nett, fir-rigward tal-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru inkwistjoni, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-iżvilupp riċenti tal-prodott domestiku gross (PDG) ta' Stat Membru fid-data tal-eżami tal-fatti mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-167/14, EU:C:2015:68, punt 60). F'dan ir-rigward, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-argumenti tar-Repubblika Portugiża li l-PDG tagħha naqas b'7.4 % bejn is-snin 2009 u 2013.

79 Fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni li jiġu applikati pagamenti ta' penalità li jonqsu u tal-argumenti mressqa mir-Repubblika Portugiża bil-għan tat-tnaqqis progressiv tal-ammont tal-pagamenti ta' penalità, għandu jitfakkar li progress fl-eżekuzzjoni tas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07 EU:C:2009:292) u l-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271 jistgħu jiġi vverifikati biss mill-mument li fih tista' tiġi kkonstatata, għall-agglomerazzjoni kkonċernata, żieda fil-proporzjon tal-e.p. tagħha ttrattata skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva. Fil-fatt, hekk kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 76 tal-konklużjonijiet tagħha, is-sempliċi progress fix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, anki jekk dawn ix-xogħlijiet ikunu avvanzati, ma jwassal għal ebda tnaqqis fil-ħsara għall-ambjent, peress li tali tnaqqis jista' jiġi kkonstatat biss wara li jibda jopera l-impjant ta' trattament sekondarju li, waħdu biss, ikollu bħala konsegwenza li l-agglomerazzjoni kkonċernata tkun tista' tittratta, b'mod konformi mad-Direttiva 91/271, proporzjon ikbar minn qabel tal-e.p. tagħha.

80 Sa fejn ir-Repubblika Portugiża tafferma li, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Matosinhos, hija ma tistax iżżid il-proporzjon tagħha tal-e.p. ttrattata skont din id-direttiva u, għaldaqstant, tnaqqas il-ħsara għall-ambjent, hemm lok li jiġu applikati pagamenti ta' penalità fissi.

81 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis adatta l-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità ta' ammont ta' EUR 8 000 għal kull jum.

82 Għaldaqstant hemm lok li r-Repubblika Portugiża tiġi kkundannata tħallas lill-Kummissjoni, fil-kont "Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea", pagamenti ta' penalità ta' EUR 8 000 għal kull jum ta' dewmien fl-implementazzjoni tal-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07 EU:C:2009:292), mill-jum li fih tingħata din is-sentenza, u sal-eżekuzzjoni sħiħa tas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07 EU:C:2009:292).

**Fuq is-somma f'daqqa**

*L-argumenti tal-partijiet*

83 Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tordna lir-Repubblika Portugiża tħallas somma f'daqqa ta' kuljum ta' EUR 2 244, li l-ammont tagħha jirriżulta mill-multiplikazzjoni tal-ammont bażiku uniformi, stabbilit għal EUR 220, bl-istess koeffiċjent ta' gravità ta' 3 bħal dak applikat għall-pagamenti ta' penalità u bil-fattur "n" ta' 3.40, mid-data li fiha ngħatat is-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07 EU:C:2009:292), sad-data ta' din is-sentenza jew sa dik li fiha tiġi eżegwita s-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07 EU:C:2009:292), jekk din l-eżekuzzjoni ssir qabel.

84 Il-Kummissjoni tindika li, meta jkun qiegħed jiġi kkalkolat l-ammont ta' kuljum sabiex tiġi stabbilita s-somma f'daqqa, għandu jiġi eżaminat, fid-dawl tal-ammont f'daqqa minimu, jekk għandux jiġi propost lill-Qorti tal-Ġustizzja ammont ta' kuljum jew ammont f'daqqa. F'dan ir-rigward, huwa neċessarju li jiġu pparagunati, minn naħa, il-valur totali akkumulat tal-ammont ta' kuljum

għall-istabbiliment tas-somma f'daqqa, ikkalkolat sad-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta rikors skont l-Artikolu 260 TFUE u, min-naħa l-oħra, l-ammont f'daqqa minimu stabbilit għall-Istat Membru kkonċernat.

85 F'dan il-każ, id-data li fiha ngħatat is-sentenza skont l-Artikolu 258 TFUE hija s-7 ta' Mejju 2009. Id-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta rikors skont l-Artikolu 260 TFUE hija s-16 ta' Ottubru 2014. Bejn dawn iż-żewġ dati għaddew 1 987 jum. Għaldaqstant, fid-data ta' din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, il-valur totali akkumulat tal-ammont ta' kuljum għall-istabbiliment tas-somma f'daqqa huwa ugwali għall-ammont ta' kuljum għall-istabbiliment tas-somma f'daqqa mmultiplikat bin-numru ta' jiem, jiġifieri EUR 2 244 x 1 987 jours = EUR 4 458 828.

86 Skont il-komunikazzjoni tal-2005, l-ammont f'daqqa minimu għar-Repubblika Portugiża attwalment jammonta għal EUR 1 875 000.

87 Għaldaqstant, peress li, fis-16 ta' Ottubru 2014, il-valur totali akkumulat tal-ammont ta' kuljum għall-istabbiliment tas-somma f'daqqa jeċċedi l-ammont f'daqqa minimu stabbilit għar-Repubblika Portugiża, il-Kummissjoni tipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja timponi fuq ir-Repubblika Portugiża l-ħlas tal-ammont ta' kuljum għall-istabbiliment tas-somma f'daqqa, jiġifieri EUR 2 244 għal kull jum mid-data li fiha ngħatat is-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07 EU:C:2009:292), sal-jum li fih tingħata din is-sentenza jew sad-data li fiha dan l-Istat Membru jeżegwixxi b'mod sħiħ is-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07 EU:C:2009:292), jekk din l-eżekuzzjoni ssir qabel.

88 Ir-Repubblika Portugiża tikkontesta dan il-metodu ta' kalkolu. Hija ssostni li, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha ssegwi l-proposta li tevalwa l-koeffiċjenti applikati mill-Kummissjoni fis-sens propost minn dan l-Istat Membru, dan tal-aħħar għandu jiġi kkundannat iħallas somma f'daqqa ta' kuljum ta' EUR 748 u mhux ta' EUR 2 244. L-ammont ta' EUR 748 jirriżulta mill-multiplikazzjoni tal-ammont bażiku uniformi, stabbilit għal EUR 220, bil-koeffiċjent ta' gravità ta' 1 u bil-fattur "n" ta' 3.40.

89 Ir-Repubblika Portugiża ssostni li t-terminu ta' xahrejn stabbilit mill-Kummissjoni fl-ittra ta' intimazzjoni tagħha tal-21 ta' Frar 2014 skada fil-21 ta' April 2014. Għaldaqstant bejn id-data li fiha ngħatat is-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07 EU:C:2009:292), u l-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-Kummissjoni fl-ittra ta' intimazzjoni tagħha għaddew 1 810 jum.

90 Dan l-Istat Membru jqis li jekk wieħed jimmultiplika dan in-numru ta' jiem b' EUR 748 wieħed jikseb ir-riżultat ta' EUR 1 339 000. Peress li 90 % tas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07 EU:C:2009:292) diġà ġiet eżegwita hemm lok li dan il-perċentwali jiġi rifless fis-somma ta' EUR 1 875 000, b'mod li s-somma f'daqqa li tkun imposta fuq ir-Repubblika Portugiża ma tistax teċċedi EUR 187 500.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

91 Preliminarjament għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja hija awtorizzata, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lilha fil-qasam ikkunsidrat, timponi, b'mod kumulattiv, pagamenti ta' penalità u somma f'daqqa (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-167/14, EU:C:2015:684, punt 72).

92 Il-kundanna għall-ħlas ta' somma f'daqqa u l-istabbiliment tal-ammont eventwali ta' din is-somma għandhom, f'kull każ inkwistjoni, jibqgħu jiddependu fuq l-elementi rilevanti kollha li jirrigwardaw kemm il-karatteristiċi tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat kif ukoll l-aġir stess tal-Istat Membru kkonċernat mill-proċedura mibdija skont l-Artikolu 260 TFUE. F'dan ir-rigward, dan

jikkonferixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja setgħa diskrezzjonali wiesgħa sabiex tiddeċiedi dwar l-impożizzjoni jew le ta' tali sanzjoni u sabiex tiddetermina, jekk ikun meħtieġ, l-ammont tagħha (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-167/14, EU:C:2015:684, punt 73).

93 F'din il-kawża, l-elementi ta' dritt u ta' fatt kollha li wasslu għall-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkunsidrat, b'mod partikolari l-fatt li diġà ngħataw sentenzi oħra, jiġifieri s-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-233/07, EU:C:2008:271), tat-8 ta' Settembru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-220/10, EU:C:2011:558) u tat-28 ta' Jannar 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-398/14, EU:C:2016:61), li jikkonstataw in-nuqqas tar-Repubblika Portugiża li twettaq l-obbligi tagħha fil-qasam tat-trattament tal-ilma urban mormi, huma indikatur tal-fatt li l-prevenzjoni effettiva tar-repetizzjoni futura ta' ksur simili tad-dritt tal-Unjoni teħtieġ l-adozzjoni ta' miżura dissważiva, bħall-kundanna għall-ħlas ta' somma f'daqqa (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-167/14, EU:C:2015:684, punt 74).

94 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija l-Qorti tal-Ġustizzja, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, li għandha tistabbilixxi l-ammont ta' din is-somma f'daqqa b'mod li din tkun, minn naħa, adatta għaċ-ċirkustanzi u, min-naħa l-oħra, proporzjonata mal-ksur imwettaq (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-167/14, EU:C:2015:684, punt 75).

95 Fost il-fatturi rilevanti f'dan ir-rigward hemm dawk tal-gravità tal-ksur ikkonstatat u tal-perijodu li matulu dan issokta mill-għoti tas-sentenza li kkonstatat tali ksur (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-167/14, EU:C:2015:684, punt 76).

96 Il-fatti tal-każ inkwistjoni li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni jirriżultaw b'mod partikolari mill-kunsiderazzjonijiet li saru fil-punti 71 sa 78 ta' din is-sentenza, relatati mal-gravità u mat-tul tal-ksur, kif ukoll mal-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru inkwistjoni.

97 Madankollu fir-rigward tal-gravità tal-ksur inkwistjoni hemm lok li jiġi rrilevat li, għalkemm, fid-data tas-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ġie kkonstatat li agglomerazzjoni waħda biss, jiġifieri l-agglomerazzjoni ta' Matosinhos, ma kellhiex sistemi konformi ta' trattament tal-ilma urban mormi li kienu s-suġġett tal-ksur allegat, matul il-biċċa l-kbira tal-perijodu ta' bejn id-data li fiha ngħatat is-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07 EU:C:2009:292), u dik ta' din is-sentenza, żewġ agglomerazzjonijiet ma kellhomx tali sistemi. Għaldaqstant, skont il-kunsiderazzjonijiet imsemmija fil-punt 75 ta' din is-sentenza, li abbażi tagħhom ir-rilevanza tal-ħsara għall-ambjent tiddependi, fil-biċċa l-kbira, minn numru ta' agglomerazzjonijiet ikkonċernati minn nuqqas ta' twettiq ta' obbligu allegat, hemm lok li dan il-ksur jitqies bħala li huwa iktar serju għall-finijiet tal-kalkolu tas-somma f'daqqa milli għall-finijiet tal-iffisar tal-pagamenti ta' penalità.

98 Barra minn hekk, għall-finijiet tad-determinazzjoni tas-somma f'daqqa, hemm lok li jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li minkejja li r-Repubblika Portugiża kkooperat sistematikament mas-servizzi tal-Kummissjoni, hija ma osservatx l-iskedi ta' żmien tagħha relatati mal-impjant ta' trattament tal-ilma urban mormi tal-agglomerazzjoni ta' Matosinhos. Fil-fatt mill-kontroreplika ta' dan l-Istat Membru jirriżulta li, fir-rigward ta' din l-agglomerazzjoni, l-impjant neċessarju ser jibda jopera biss fl-2019.

99 Fl-aħħar, hekk kif sostniet il-Kummissjoni, hemm lok li jittieħed inkunsiderazzjoni n-numru kbir ta' sentenzi, imsemmija fil-punt 93 ta' din is-sentenza, li kkonstataw nuqqasijiet, mir-Repubblika Portugiża, tal-obbligi tagħha fir-rgiward tat-trattament tal-ilma urban mormi. Issa, in-natura ripetittiva tal-aġir li jikkostitwixxi ksur ta' Stat Membru hija iktar u iktar inaċċettabbli meta dan ikun f'settur li fih l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent huma partikolarment sinjifikattivi. F'dan ir-rigward, hekk kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 89 tal-konklużjonijiet tagħha, ir-repetizzjoni ta' aġir li jikkostiwixxi ksur minn naħa ta' Stat Membru f'settur speċifiku tista' tikkostitwixxi indikazzjoni tal-fatt

li l-prevezjoni effettiva tar-repetizzjoni futura ta' ksur simili tad-dritt tal-Unjoni teħtieġ l-adozzjoni ta' miżura dissważiva, bħall-impożizzjoni ta' somma f'daqqa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, C-279/11, EU:C:2012:834, punt 70).

100 Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li ssir evalwazzjoni ġusta taċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni jekk l-ammont tas-somma f'daqqas li r-Repubblika Portugiża għandha tħallas jiġi stabbilit għal EUR 3 000 000.

101 Konsegwentement, ir-Repubblika Portugiża għandha tiġi kkundannata tħallas lill-Kummissjoni, fil-kont "Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea", is-somma f'daqqa ta' EUR 3 000 000.

**Fuq l-ispejjeż**

102 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li ġie kkonstatat li r-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha, hija għandha tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Billi ma ħaditx il-miżuri kollha għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292), ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 260(1) TFUE;**

2) **Fil-każ li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat fil-punt 1 jippersisti fil-jum li fih tingħata din is-sentenza, ir-Repubblika Portugiża hija kkundanntata tħallas lill-Kummissjoni Ewropea, fil-kont "Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea", pagamenti ta' penalità ta' EUR 8 000 għal kull jum ta' dewmien fl-implementazzjoni tal-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292), mid-data li fiha tingħata din is-sentenza, u sal-eżekuzzjoni sħiħa tas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-530/07, EU:C:2009:292).**

3) **Ir-Repubblika Portugiża hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni Ewropea, fil-kont "Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea", is-somma f'daqqa ta' EUR 3 000 000.**

4) **Ir-Repubblika Portugiża hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Firem